MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 899/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Carmel Camilleri**

Kaz Numru: 899/2012

Illum 4 ta’ Gunju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Camilleri**, ta’ hamsin (50) sena, bin Salvu u Rita neé Sultana, imwieled Kercem, Ghawdex, nhar it-03 ta’ Mejju, 1962, residenti fil-fond Ponderosa, Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 22862(G), akkuzat talli fit-30 ta’ Novembru 2010

ghall-habta tas-13:25hrs ta' wara nofsinhar, fil-fond "Ponderosa", St Lucy Street, Kercem:

1. zamm xi ghasfur, u cioé Merilli *Montocola solitarius*, kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huma projbiti taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-Avviz legali 79 tal-2006 hekk kif emendat permezz ta' Regolament 4(a) tal-Avviz Legali 39 tal-2007 u Regolament 3(a) tal-Avviz Legali 280 tal-2007;

2. zamm ghasafar, u cioé Merilli *Monticola solitarius*, kemm hajjin, kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmija fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u meta dawk l-ghasafar ma kinux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat membru l-iehor u dawn l-ghasafar ma kinux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat permezz ta' Regolament 4(a) tal-Avviz Legali 39 tal-2007 u regolament 3(b) tal-Avviz Legali 280 tal-2007.

U aktar talli fl-istess data, lok u hin u fis-snin ta qabel:

3. ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasafar imsemmija fir-Regolament 4(1)(e) minghajr ma ghamel talba lid-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tal-Ambjent fi hdan l-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar u minghajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ghal dak it-trasferiment jew id-disponiment minghand l-istess Direttur u dan bi ksur ta' Regolament 4(2) tal-Avviz

Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat permezz ta' Regolament 4(b) tal-Avviz Legali 39 tal-2007;

4. kellu fil-pussess tieghu minuzzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat permezz ta' Regolament 14 tal-Avviz Legali 39 ta' 2007, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni tal-licenzja jew tal-permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizuta li fit-30 ta' Novembru 2010 saret spezzjoni mill-Pulizija fil-fond fejn jirrisjedi l-imputat, cioé Ponderosa, Triq Santa Lucija, Kercem. F'din l-ispezzjoni nstabu tliet (3) ghasafar merilli go gagga (li nstabu f'kamra fil-bejt), xi tajr iehor ibbalzmat (li nstabu fil-*living room*) u kif ukoll xi munizzjon. Go vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBL 275, liema vettura kienet tinsab qabel il-Pulizija dahlu f'residenza ohra okkupata mit-tifel tal-imputat, il-Pulizija sabu *senter* ikkargat, bi skartocc fil-kanna u erba' (4) ohra fil-magazin, li gie konfiskat mill-Pulizija. Ex PS 1346 Anton Schembri ezebixxa rcevuta tat-tliet (3) ghasafar hajjin fil-gagga u l-erba' (4) *bullets* li gew elevati, liema rcevuta giet immarkata bhala Dok. "AS 1".

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u it-Tieni (2) Imputazzjoni</u>:**
Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet jistghu jigu kkunsidrati flimkien. Id-difiza tikkontendi li minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-imputat kien hu li zamm il-merilli in kwistjoni. Minkejja li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, kif inhuwa dritt tieghu, id-difiza ressqet bhala xhieda lir-rapprezentant tal-Kummissjoni Elettorali u lit-tifel tal-imputat. Ir-rapprezentant tal-Kummissjoni Elettorali xehed li fir-Registri Elettorali ta' April 2010 u Ottubru 2010 kien hemm registrati fid-dar Ponderosa, Triq Santa Lucija, Kercem: Carmel Camilleri, Maria Camilleri u Paul Camilleri. Fir-Registru Elettorali ta' wara, cioé ta' April 2011, Paul Camilleri ma baqghax jidher. *Da parte* tieghu, Paul Camilleri (it-tifel tal-imputat) spjega kif kien sab it-tliet (3) ghasafar in kwistjoni u li beda jrabbihom u jiehu hsiebhom. Jghid li dawn kienu jiehdu hsiebhom hu u ommu biss. Meta gie mistoqsi fil-kontro-ezami jekk kienx qal lill-missieru bihom, ix-xhud wiegeb hekk: *"Le, m'ghidtlux bihom ghax ma kienx dilettant taghhom"*. Jghid ukoll li hu (Paul) m'huwiex dilettant tal-kacca u qatt ma staqsa lil hadd x'kienu dawn l-ghasafar. Jghid ukoll li missieru qatt ma telgha fejn kien izomm l-ghasafar. Jghid ukoll li qabel haduhom il-Pulizija, l-ghasafar kienu ilhom ghandu madwar erba' (4) snin.

Illi ghalkemm il-Qorti hija xettika hafna dwar il-verzjoni moghtija mit-tifel tal-imputat, madanakollu hija ma ghandha l-ebda prova ohra fl-atti ghar-rigward tal-proprjeta tal-istess ghasafar ghajr ghal dak li jghid it-tifel tal-imputat fix-xiehda moghtija minnu. Id-difiza ghamlet riferenza ghal decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Teddy Mercieca** li nghatat fid-19 ta' Lulju 2012 minn din il-Qorti kif diversament preseduta, u liema decizjoni ghaddiet in gudikat. Dak li qalet dik il-Qorti ghandu jigi applikat *mutatis mutandis* ghall-kawza odjerna.

Illi ghalhekk maghmula dina l-konstatazzjoni ma jifdal l-ebda prova ohra in atti li tista torbot lill-imputat mat-tajr protett li nstab fir-residenza tieghu. Ghalkemm il-Qorti, kif diga nghad, ghandha d-dubbji taghha dwar kemm hija verosimili l-verzjoni moghtija mit-tifel tal-imputat, madanakollu dana d-dubbju jimmilita favur l-imputat. *In*

*oltre* ma hemm l-ebda prova ohra fl-atti li tipponta subajgha lejn l-imputat. Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>:**
Jirrizulta li l-imputat kien iddikjara kollezzjoni ta’ tlieta u erbghin tajra mad-Dipartiment tal-Ambjent (Dok. “GH 1”). Meta xehdu Gilbert Haber u Stanley Gatt dawn qalu li meta staqsew x’kien ghamel l-imputat bil-kumplament tal-kollezzjoni li ma nstabux (Dok “GH 4”), Haber jghid li l-imputat qalilhom li: *“gew mormija, kienu spiccaw u kien haraqhom”*. Da parti tieghu, Gatt jghid li l-imputat qalilhom: *“kienu marrulu dawn l-ghasafar u li kien iddispona minnhom”*. Jirrizulta wkoll li filwaqt li meta xehed Gilbert Haber huwa xehed li ma jiftakarx jekk l-imputat kienx inghata *caution*, Stanley Gatt xehed li ma jidhirlux li l-imputat kien inghata l-*caution*. Il-Qorti tinnota li d-difiza ghandha ragun fl-argumenti sollevati minnha fit-trattazzjoni taghha rigward dak mistqarr mill-imputat lil Stanley Gatt u lil Gilbert Haber.

Illi, kif diga nghad aktar il-fuq, id-difiza ghamlet riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Teddy Mercieca** fejn dak li ntqal ghandu jigi applikat *mutatis mutandis* ghall-kawza odjerna.

Illi, minkejja dan, jekk il-Qorti tiskarta dak li Gilbert Haber u Stanley Gatt xehdu dwar dak li kien qalilhom l-imputat, xorta wahda jirrizulta li dak elenkat fid-dikjarazzjoni tal-imputat fejn irregistra t-tajr ibbalzmat li kellu (Dok. “GH 1”) ma nstabx kollu tant li dak li ma nstabx gie elenkat f’Dok. “GH 4”. M’hemmx dubju ghalhekk li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**<u>Ir-Raba’ (4) Imputazzjoni</u>:**
Illi d-difiza ghandha ragun targumenta li l-munizzjoni qatt ma gie esebit, la formalment u lanqas materjalment. Ghandha ragun id-difiza targumenta li m’hemmx il-grad ta’ prova mehtieg fil-kamp kriminali u b’hekk l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**
Illi, tenut kont ta’ dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li t-tielet (3) imputazzjoni biss giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), u mir-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 4(2) tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ erba’ mitt euro (€ 400.00).

Finalment, ghalkemm l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u mir-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, billi t-tajr (u affarijiet ohra) elevati u elenkati f’ricevuta mmarkata bhala Dok. “AS 1” huwa tajr protett bis-sahha tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u kwindi z-zamma u l-pussess taghhom hija wahda illegali, il-Qorti qed tordna l-konfiska ta’ dak elenkat f’Dok. “AS 1” favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------